**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 23 ta' Frar, 2017**

**Mandat Nru: 136/2017/1 AF**

**Direttur Generali Dwana**

**vs**

**Dentrade Company Limited (C-9139)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tad-Direttur Generali Dwana li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, talab lil din il-Qorti zzomm lil Dentrade Company Limited milli tbiegh, tnehhi, titrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari il-proprjetà immobbli kollha tal-intimat.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Dentrade Comapny Limited li ghar-ragunijiet fiha mfissra, ssottomettiet li t-talba m'ghandhiex tintlaqa'.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Inoltre l-Art. 874(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi wkoll illi:

> *"Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

Fil-kaz in ezami, minbarra l-kuntratti inkontestati, hija l-istess socjetà intimata illi tiddikjara fir-risposta taghha li infatti hija debitrici tar-rikorrenti f'ammonti sostanzjali u ghalhekk din il-Qorti tqis li r-rikorrenti rnexxielu jissodisfa l-vot tal-ligi u r-rekwiziti fuqu imposti. Il-Qorti tinnota illi l-parti l-kbira ta' ricevuti pprezentati mis-socjetà intimata jgibu dan ferm qabel l-imsemmija kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ definittivament it-talba tad-Direttur Generali Dwana kif kontenuta fir-rikors tas-27 ta’ Jannar 2017 u tordna lir-Registratur tal-Qrati jeffettwa d-debiti notifiki skond l-Art. 874(3) tal-Kap. 12.

IMHALLEF